

Brussell, 18 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

7156/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0331(COD)**

---

CT 30  
ENFOPOL 98  
COTER 29  
JAI 288  
CYBER 69  
TELECOM 106  
FREMP 56  
AUDIO 21  
DROIPEN 54  
CODEC 399

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 123 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi indirizzat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 123 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 123 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.3.2021  
COM(2021) 123 final

2018/0331 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**dwar**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi indirizzat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online**

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

## F'konformità mal-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

### il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi indirizzat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online

#### 1. IL-KUNTEST

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM/2018/640 final – 2018/0331 COD)	it-12 ta' Settembru 2018
Id-data tal-ftehim tal-Kunsill dwar mandat ta' negozjar	is-6 ta' Diċembru 2018
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari	is-17 ta' April 2019
Data tat-trilogu 1	is-17 ta' Ottubru 2019
Data tat-trilogu 2	l-20 ta' Novembru 2019
Data tat-trilogu 3	it-12 ta' Diċembru 2019
Data tat-trilogu 4	l-24 ta' Settembru 2020
Dati tat-trilogu 5	id-29 ta' Ottubru 2020
Data tat-trilogu 6 (finali)	l-10 ta' Diċembru 2020
Id-data tal-ftehim politiku fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti	is-16 ta' Diċembru 2020
Id-data meta l-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-approvazzjoni tal-ftehim ta' kompromess	il-11 ta' Jannar 2021
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari	is-16 ta' Marzu 2021

#### 2. L-OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-attakki terroristiċi fuq it-territorju tal-UE wrew kif it-terroristi jużaw l-internet b'mod ħażin biex jikkundizzjonaw u jirreklutaw partitarji, biex iħejju u jiffaċilitaw l-attività terroristika, biex jiġglorifikaw l-atroċitajiet tagħhom u jħeġġu lil oħrajn biex jagħmlu l-istess u jniedu l-biża' fil-pubbliku ġenerali.

Kontenut terroristiku maqsum online għal dawn l-iskopijiet jinxtered permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting li jippermettu li jittella' kontenut ta' partijiet terzi. It-terroristi u l-appoġġaturi tagħhom użaw b'mod ħażin mhux biss pjattaformi kbar tal-midja soċjali, iżda wkoll fornituri iżgħar li joffru tipi differenti ta' servizzi ta' hosting aċċessibbli fl-Unjoni Ewropea. Dan l-użu ħażin ta' ċerti servizzi online jenfasizza r-responsabbiltà soċjetali

partikolari tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jiproteġu lill-utenti tagħhom mill-esponiment għal kontenut terroristiku u r-riskji serji għas-sigurtà li dan il-kontenut jinvolvi għas-soċjetà inġenerali.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet li jiġi stabbilit qafas legali armonizzat biex jiġi evitat l-użu ħażin tas-servizzi ta' hosting għat-tixrid ta' kontenut terroristiku online, biex jiġi garantit il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku diġitali, filwaqt li tiġi salvagwardjata s-sigurtà pubblika u jiġu protetti d-drittijiet fundamentali.

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jipprovdi ċarezza dwar ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jieħdu l-azzjonijiet xierqa, raġonevoli u proporzjonati kollha meħtieġa biex jiżguraw is-sikurezza tas-servizzi tagħhom u biex b'mod rapidu u effettiv jidentifikaw u jneħħu kontenut terroristiku online. Tali azzjonijiet jinkludu t-tneħħija tal-kontenut fi żmien siegħa mir-riċevuta ta' ordni ta' tneħħija u miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting b'mod proattiv biex jiproteġu s-servizzi tagħhom.

Fl-istess ħin, ir-Regolament propost fih għadd ta' salvagwardji mfassla biex jiżguraw ir-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, bħal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, f'soċjetà demokratika. Dawn is-salvagwardji jinkludu obbligi ta' trasparenza kif ukoll mekkaniżmi ta' lment biex jiġi żgurat li l-fornituri tal-kontenut ikunu jistgħu jikkontestaw it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-kontenut tagħhom, flimkien mar-rimedju ġudizzjarju f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

L-obbligi fuq l-Istati Membri li jinsabu fir-Regolament propost se jikkontribwixxu għal dawn l-oġettivi, billi jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti, iżidu l-prevedibbiltà u t-trasparenza, jiggwarantixxu salvagwardji adegwati u jiżguraw li n-nuqqas ta' konformità mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting jista' jiġi sanzjonat permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

### 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim politiku milħuq bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni fl-10 ta' Diċembru 2020. L-iktar differenzi importanti bejn il-proposta tal-Kummissjoni u t-test maqbul politikament huma dawn li ġejjin:

- *Ambitu*: Kjarifika li l-materjal imxerred għal finijiet edukattivi, ġurnalistiċi, artistiċi jew ta' riċerka jew għall-finijiet tal-prevenzjoni jew tal-ġlieda kontra t-terroriżmu ma għandux jitqies bħala kontenut terroristiku, u li valutazzjoni għandha tiddetermina l-iskop veru tat-tixrid.
- Kjarifika li r-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku<sup>1</sup> u d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva<sup>2</sup>, kif ukoll li għal servizzi tal-midja awdjoviżiva din id-direttiva tal-aħħar tipprevali

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1–16).

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-provvista ta' servizzi ta' midja awdjoviżiva (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69–92).

f'każijiet ta' kunflitt. Premessa tiċċara li dan ma jaffettwax l-obbligi għall-fornituri ta' pjattaforma ta' video-sharing skont ir-Regolament.

- Speċifikazzjoni li r-Regolament japplika biss għal fornituri ta' servizzi ta' hosting li jxerrdu informazzjoni lill-pubbliku, jiġifieri għal għadd potenzjalment illimitat ta' persuni.
- Definizzjonijiet: Id-definizzjoni ta' "kontenut terroristiku" teskludi materjal li "jippromwovi" l-attivitajiet ta' gruppi terroristiċi u hija allinjata aktar mill-qrib mar-reati rilevanti fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu<sup>3</sup>.
- Ordnijiet ta' tneħħija: L-iskadenza ta' massimu ta' siegħa biex il-fornituri ta' servizzi ta' hosting ineħħu/jiddiżattivaw l-aċċess għal kontenut terroristiku tinżamm, iżda l-awtorità kompetenti trid tinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting 12-il siegħa qabel l-ewwel ordni ta' tneħħija, ħlief f'każijiet ta' urġenza. Barra minn hekk, f'każijiet ta' raġunijiet tekniċi jew operazzjonali oġġettivament ġustifikabbli li jaġhmluha impossibbli li wieħed jikkonforma mal-ordni ta' tneħħija, l-iskadenza tiġi sospiża.
- Dritt ta' skrutinju/proċedura għal ordnijiet ta' tneħħija transfruntiera: Filwaqt li l-Istati Membri kollha huma intitolati li joħorġu ordnijiet ta' tneħħija lil kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' hosting, irrISPETTIVAMENT mill-post ta' stabbiliment tiegħu, artikolu ġdid dwar il-proċeduri għal ordnijiet ta' tneħħija transfruntiera (l-Artikolu 4) jippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru "ospitanti" (jiġifieri, l-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fejn għandu r-rappreżentant legali tiegħu) li tiskrutinizza ordni ta' tneħħija biex tiddetermina jekk dan jinkludix ksur manifest jew serju tad-drittijiet fundamentali jew ir-Regolament. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri tal-kontenut għandhom id-dritt li jitolbu rieżami tal-ordni ta' tneħħija minn dik l-awtorità kompetenti, f'liema każ dik l-awtorità tkun obligata twettaq l-iskrutinju u tistabbilixxi s-sejbiet tagħha f'deċizzjoni. Meta l-iskrutinju jwassal għal sejbiet ta' ksur manifest jew serju, l-ordni ta' tneħħija ma jibqax ikollha effett legali u l-fornitur ta' servizzi ta' hosting ma jibqax taħt obbligu li jneħħi l-materjal u fil-prinċipju jenħtieġ li jerġa' jdaħħlu.
- Miżuri speċifiċi: Il-kontenut tal-Artikoli 3, 6 u 9 tal-proposta ġie aġġustat u amalgamat f'artikolu wieħed li jistabbilixxi l-obbligi tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex jindirizzaw it-tixrid ta' kontenut terroristiku. Dawn l-obbligi japplikaw biss għal dawk il-fornituri ta' servizzi ta' hosting li l-awtorità kompetenti sabet li huma esposti għal kontenut terroristiku. Għalkemm l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jieħdu miżuri addizzjonali, l-għażla tal-miżuri speċifiċi biex jiġi indirizzat il-kontenut terroristiku tibqa' f'idejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, li ma jistgħux ikunu obligati jużaw għodod awtomatizzati.
- Riferimenti: L-Artikolu dwar ir-riferimenti (jiġifieri, mekkaniżmu għas-sottomissjoni ta' avviżi li jwissu lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting ta' kontenut terroristiku għall-konsiderazzjoni volontarja tal-fornituri kontra t-termi u l-kundizzjonijiet tagħhom) li jinsab fil-proposta tal-Kummissjoni tħassar. Madankollu, premessa tiċċara li l-istrument tar-riferimenti jibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u l-Europol.

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6-21).

- Awtoritajiet kompetenti: L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament, inkluż li jiżguraw li dawg l-awtoritajiet ma jfittxux jew ma jirċevux struzzjonijiet u li jaġixxu b'mod oġġettiv u nondiskriminatorju, filwaqt li jiżguraw ir-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.
- Penali: L-Artikolu dwar il-penali jinkludi l-possibbiltà espliċita għall-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jimponux penali jew le f'każijiet individwali, b'kont meħud ta' ċirkostanzi bħan-natura u d-daqs tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting ikkonċernat, il-grad ta' ħtija tiegħu għall-ksur u l-miżuri tekniċi u organizzattivi li seta' ħa biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament.
- Dispożizzjonijiet finali: il-perjodu ta' żmien għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ġie estiż għal 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, filwaqt li l-perjodu ta' żmien għall-evalwazzjoni tar-Regolament tqassar għal sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, il-ftehim politiku milħuq, kif rifless fil-pożizzjoni tal-Kunsill, jippreserva l-oġġettivi prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq. B'mod partikolari, it-test maqbul jikkostitwixxi approċċ ibbilanċjat li jiżgura li l-kontenut terroristiku online jiġi indirizzat b'mod effettiv, li jiġi previst sett komprensiv ta' salvagwardji għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting attivi fis-suq intern ikunu soġġetti għal regoli uniformi u proporzjonati.

#### **4. KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.